# Informazzjoni Dwar L-Għażla tas-Suġġetti tal-Vjaġġ Tiegħi

***(Kull taqsima għandu jkollha bejn 50-60 kelma)***

**Għażla tas-Suġġett**: It-Teknoloġija tal-Informatika

*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*
**Applikata: __x__**
**Akkademika**: _____
**Vokazzjonali:** _____

**Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**
It-Teknoloġija tal-Informazzjoni Applikata tesponi lill-istudenti għad-dinja tal-industrija tal-IT f'oqsma relatati mal-installazzjoni tal-ħardwer tal-kompjuter, networking u żvilupp tal-logħob. Matul dan il-programm, l-enfasi hija fuq it-tagħlim bil-prattika. Għalhekk, il-biċċa l-kbira tat-tagħlim se jsir bl-użu ta' approċċ hands-on li minnu joħroġ l-għarfien meħtieġ.

**Lista ta' temi studjati:**
*a. Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-xogħol*
*b. Fehim tat-tipi differenti ta' sistemi tal-kompjuter u tagħmir periferali*
*ċ. Installazzjoni ta' apparat ta' input u output*
*d. Installazzjoni ta' komponenti ta' ħardwer intern*
*e. Installazzjoni u konfigurazzjoni ta' softwer*
*f. Soluzzjonijiet ta' problemi ta' ħardwer*
*ġ. Dokumentazzjoni ta' installazzjonijiet*
*g. Tekniki tal-issaldjar*
*għ. Twaqqif ta' local area netwerks bil-fili u mingħajr fili*
*h. Qsim ta' dejta u riżorsi fuq in-netwerks*
*ħ.Assigurazzjoni ta' netwerks minn theddid għas-sigurtà li jistgħu jkunu possibbli*
*i. Żvilupp bażiku ta' logħob tal-kompjuter*

**Attivitajiet involuti fil-klassi:**
• Attivitajiet hands-on bħal installazzjoni ta' hardwer, twaqqif ta' netwerks u żvilupp tal-logħob
• Preżentazzjonijiet
• Xogħol fi gruppi
• Kompiti ta' riċerka
• Diskussjonijiet fil-klassi

**Xogħol assenjat għad-dar:**
• Eżerċizzji ta' konsolidazzjoni u xogħol ta' riċerka
• Kontinwazzjoni ta' xi kompiti assenjati

**Assessjar mogħti:**
Kull sena skolastika, l-istudenti se jkopru qasam, b'total ta' 3 oqsma fi 3 snin. Kull qasam jiġi assessjat permezz ta' tliet valutazzjonijiet:

• żewġ kompiti, li jikkonsistu kemm f'xogħol miktub kif ukoll f'ħidmiet prattiċi, li jammontaw għal 70% tal-marka annwali
• assessjar ikkontrollata wieħed (eżami bil-miktub) li jammonta għal 30% tal-marka annwali u dan isir fi tmiem is-sena skolastika

| |
|---|
| Il-marki miksuba matul id-9, l-10 u l-11-il sena jammontaw għar-riżultat tas-SEAC. |
| **Lista ta' ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**<br>*a. Kapaċità li ssegwi prattiċi tajbin tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol*<br>*b. Ħiliet relatati mal-installazzjoni ta' ħardwer u softwer, issaldjar, twaqqif ta' netwerk u żvilupp tal-logħob*<br>*ċ. Ħiliet analitiċi u ta' riċerka*<br>*d. Ħiliet fil-komunikazzjoni*<br>*e. Ħiliet fil-ħidma f'tim*<br>*f. Ħiliet fl-ippjanar*<br>*ġ. Ħiliet fil-ġestjoni tal-ħin*<br>*g. Ħiliet fil-ħsieb riflessiv*<br>*għ. Ħiliet għas-soluzzjoni tal-problemi* |
| **Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**<br>*a. Rieda li titgħallem, tirriċerka u twettaq attivitajiet prattiċi*<br>*b. Kapaċità li taħdem kemm b'mod indipendenti kif ukoll f'tim* |
| **Isem tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni:** Daniela Zerafa |
| **Indirizz elettroniku**: daniela.zerafa@ilearn.edu.mt |